**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Novembru 2001**

**Numru 12**

**Avviz numru 102/01**

**Anna Antignolo ghan-nom tal-kumpanija C & H Bartoli Ltd**

**vs**

**Jason Briffa f'ismu stess u bhala gia ghan-nom ta' Kelly's Child Care Learning Centre u Grace Aquilina ghan-nom tal-istess Centre**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut pro et noe ghall-hlas tas-somma ta' Lm116.07 (mija u sittax il-lira Maltin u seba centezmi) rapprezentanti xoghol ta' tindif ta' twapet li Jason Briffa kien inkarika lill-kumpanija attrici biex taghmel fil-Kelly's Child Care Learning Centre li allura kien jaghmel minnha hu. Ghal dan ix-xoghol huma dovuti lill-kumpanija attrici s-somom ta' wiehed u

tmenin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm81.17) u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm30.95) ammontanti b'kollox ghal mija u tnax il-lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm112.12) (Dok A u B) minbarra l-imghax li sal-10 ta' Novembru 2000 ammonta ghal tlett liri maltin hamsa u disghin centezmi (Lm3.95) b'kollox mija u sittax il-lira Maltin u seba centezmi (Lm116.07,0) (Dok C). Dana Briffa qatt ma hallas s-somma dovuta.

2. L-imsemmi Briffa kien in segwitu ttrasferixxa l-imsemmi Centre lill-konvenuta Aquilina li pero irrifjutat li thallas.

3. Il-kumpanija attrici ghandha tithallas ghax-xoghol li ghamlet.

4. L-esponenti talab lil dan Onorabbli Tribunal sabiex l-konvenuti jigu kkundannati fil-kwalitajiet taghhom fuq imsemmija, jew min minnhom, l-imsemmija somma ta' mija u sittax il-lira Maltin u seba centezmi (Lm116.07.0) dovuta kif fuq inghad ghar-ragunijiet fuq imsemmija bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra bonarja tal-14 ta' Novembru 2000 u bl-imghax ta' 8% mill-11 ta 'Novembru 2000 kontra l-konvenuti jew min minnhom gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut pro et noe baqgha ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**